# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Diċembru, 2020**

**Numru 6**

**Rikors Numru 920/20 TA**

**Angelo Abela (ID 179659M)**

**vs**

**Diane Curmi (ID 507885M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Angelo Abela tat-13 ta' Ottubru 2020 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi l-attur huwa kreditur tal-konvenuta, fl-ammont ta' mitejn u hamsa u ghoxrin elf euro (€225,000) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' self brevi manu li kien sar lill-konvenuta nhar it-30 ta' Lulju 2018, liema somma akbar kienet inghatat lill-konvenuta permezz ta' transferiment bankarju mill-kont ta' Angelo Abela ghal gol-kont taghha, u dan skond ma jidher minn Dok. 'A', u l-kopji tal-pagamenti li saru hawn annessi komplessivament bhala Dok. 'B'.

2. Illi dan huwa kkonfermat permezz tad-dikjarazzjoni tan-Nutar Bartolomeo Micallef hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'C'.

3. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta' l-istess attur jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-

dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta' l-istess attur, il-konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

4. Illi ghalkemm il-konvenuta giet interpellata sabiex thallas l-imsemmi ammont, hija baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

5. Dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.

6. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi l-attur jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin elf euro (€225,000) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' self lilha maghmul mill-attur;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat, oltre l-imghaxijiet legali sal-jum ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenuta li hija minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni taghha."

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenuta tat-30 ta' Novembru 2020 u dik tal-Attur, li ġġib l-istess data, li permezz tagħha rriduċa s-somma li qed jitlob għal mija ħamsa u erbgħin elf ewro (€145,000)( a' fol 19);

Rat in-nota ta' riduzzjoni oħa tal-Attur tat-3 ta' Diċembru 2020, li biha kompla rriduċa l-ammont mitlub, għal mija sebgħa u għoxrin elef ewro (€127,000) (a' fol 21);

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

F'din il-Kawża ma tantx hemm xi tgħid. Kif jirriżulta mill-verbal tat-30 ta' Novembru 2020 l-konvenuta ammettiet it-talbiet attriċi. Di piu, l-Attur biż-żewġ noti fuq imsemmija irriduċa l-ammont għal mija u sebgħa u għoxrin Ewro (€127,000). Il-partijiet qablu ukoll, li l-kawża għandha tkun trattata bil-mod ordinarju. Għalhekk dan ifisser li kull ma għandu jsir hu, li l-Attur jiġi kannonizzat fl-ammont kif ridott fil-mori ta' din il-Kawża.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunjiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba fid-dawl tal-verbal tat-30 ta' Novembru 2020.

**Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-Attur is-somma ta' mija u sebgħa u għoxrin elf Ewro (€127,000) bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes ta' din il-Kawża u tal-mandat ta' sekwestru ottenut in konnessjoni mal-istess, a' karigu tal-Konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**